MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 200/2013

**Federated Mills p.l.c.**
**(C15903)**

**vs.**

**Matthew Galea K.I. 0500289 (M)**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-4 ta' April 2013, li permezz tiegħu:

> is-soċjetà rikorrenti Federated Mills p.l.c. talbet mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma ta' elfejn, mija u sittax-il Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€2116.88) rappreżentanti prezz ta' dqiq tal-qamħ debitament mibjugħ u kkonsenjat lill-konvenut fuq l-inkarigu tal-istess konvenut;

Illi minkejja li l-istess konvenut ġie debitament interpellat diversi drabi u saħansitra permezz ta’ ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A, il-konvenut baqa’ inadempjenti u saħansitra stqarr li l-ammont mhux dovut.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 30 ta’ Novembru 2012 u bl-imgħax legali mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effetiv.

Ra r-**risposta tal-konvenut** ippreżentata fit-22 ta’ April 2013, fejn huwa eċċepixxa:

1. Illi l-intimat mhumiex il-leġittimu kontradittur u dan għar-raġunijiet li se jingħataw fil-kawża.;

2. Illi l-ammont mitlub mhux dovut peress li l-merkanzija li qed jintalab il-prezz tagħha qatt ma ġiet akkwistata mill-esponent u wisq inqas ikkonsenjata lilu. Dan qed jingħad mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salvi risposti ulterjuri u bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi inklużi dawk tar-risposta għall-ittra uffiċjali 2844/12 kontra s-soċjetà attriċi minn issa inġunta għas-subizzjoni.

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema’ x-xhieda.

Sema’ t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ra l-verbal tas-27 ta’ Ġunju 2014 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Xhieda**

Is-soċjeta` attriċi hija importatur tal-qamħ, li imbagħad hija tipproċessa fi dqiq. Is-sur Michael Galea, missier il-konvenut, huwa importatur tad-dqiq. F'xi punt, is-soċjeta` attriċi u s-sur Michael Galea ftehmu li s-sur Galea jixtri d-dqiq mingħand is-soċjeta` attriċi minflok mill-esteru. Jidher illi s-sur Galea xtara d-dqiq mingħand is-soċjeta` attriċi f'erba' okkażjonijiet u dana stante li inħarġu erba' fatturi fil-konfromt tiegħu, mil-liema fatturi tħallsu tnejn, filwaqt illi tnejn l-oħra huma mertu ta' din il-kawża.

Jirriżulta illi Michael Galea, anke jekk dejjem deher hu fiżikament fin-negozjati u fil-konsenja tad-dqiq, kien talab illi l-kont jinfetaħ bid-dettalji ta' ibnu Matthew Galea. Dan jista' jfisser waħda minn żewġ ipotesi: jew li n-negozju huwa ta' Michael Galea iżda dan juża lil ibnu bħala prestanome, jew li n-negozju huwa tal-iben, iżda l-missier jassistih f'kollox u għalhekk fil-konfront ta' terzi jaġixxi bħala aġent tal-iben. Mix-xhieda li ta is-sur Galea, jidher li l-ewwel ipotesi hija dik korretta, fis-sens illi n-negozju huwa tal-missier iżda għar-raġunijiet tiegħu dan jagħżel li jaħdem bl-isem tat-tifel. Dan seħħ mhux biss fin-negozju mertu ta' din il-kawża, iżda anke n-negozju tiegħu ta' importazzjoni tad-dqiq. "*Fiż-żmien in kwestjoni kont nimporta through t-tifel Matthew Galea. Fil-fatt in-negozju nagħmlu jien, u nidher kullimkien jien*."[1]

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal mill-assjem tal-provi prodotti huwa tal-fehma illi d-dqiq elenkat fil-fatturi dok. MC 5 u MC 6 (fol. 24 u 25 tal-proċess) ġie effettivament ikkonsenjat lill-konvenut jew lil missieru s-sur Michael Galea.  Il-konvenut isostni li huwa ma rċeviex dan id-dqiq u jserraħ l-argument tiegħu fuq il-fatt li l-fatturi mertu ta' din il-kawża mhumiex iffirmati. Pero il-fatturi li għaddew mis-soċjeta` attriċi lill-konvenut, kollha ma kienux iffirmati, iżda tnejn minnhom xorta waħda ġew aċċettati mill-konvenut u mħallsin. Il-fattura li ġiet ffirmata mill-klijent kienet dik li fuqha saru l-emendi fil-kwantitajiet, mill-bqija kollha bla firma.

Kien inkun ferm iktar għaqli da parti tas-soċjeta` attriċi li titlob il-firma tal-klijent, u kien ikun eħfef għaliha li tipprova l-każ tagħha. Minkejja dan in-nuqqas , it-tribunal huwa tal-fehma li t-talba attriċi xorta waħda ġiet sodisfaċentement ippruvata, mhux bil-firem tal-klijent naturalment, iżda bl-assjem tal-provi prodotti min-naħa tas-soċjeta` attriċi, anke permezz ta' xhieda li m'għadhomx impjegati tas-soċjeta` attriċi u għalhekk m'għandhom l-ebda interess li jaħbu l-verita`.

[1] Affidavit ta' Michael Galea fol. 40 tal-proċess.

It-Tribunal ikkonsidra wkoll illi l-istatement mibgħut regolarment mis-soċjeta` attriċi ma ġiex ikkontestat u lanqas ma ġie kkontestat il-ħlas fit-telefonati li kienu qed isiru mir-rappreżentant tas-soċjeta` attriċi lill-konvenut jew lil missieru. Il-kontestazzjoni dwar il-ħlas waslet biss meta s-soċjeta` attriċi ħadet passi legali fil-konfront tal-konvenut permezz ta' ittra uffiċjali mibgħuta lilu bil-proċedura kontemplata fl-artikolu 166A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. (Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta).

Dwar il-kwistjoni li Matthew Galea m'huwiex il-leġittimu kontradittur, jirriżulta li s-sur Matthew Galea kien awtorizza lil missieru sabiex jiġġestixxi n-negozju tal-importazzjoni tad-dqiq f'ismu. It-tifel kien kuntent b'dan almenu mill-punto di vista tal-missier u dana stante li l-konvenut qatt ma xehed quddiem it-Tribunal. Jidher illi meta ġie biex jixtri mingħand is-soċjeta` attriċi, is-sur Michael Galea xorta wahda għażel li juża d-dettalji ta' ibnu, għar-raġunijiet li jafhom huwa biss. Kien huwa li pprovda d-dettalji ta' ibnu bħala l-account holder mas-soċjeta` attriċi. Issa jekk l-iben ma baqax kuntent illi missieru jgħabbi lilu bir-responsabbilta tan-negozju li kien jagħmel, dika tibqa' kwistjoni strettament bejn il-missier u l-iben u l-iben kellu passi li seta' jagħmel biex iwaqqaf lil missieru milli jagħmel dan.

Iżda *vis-a-vis* terzi, f'dan il-każ is-soċjeta` attriċi, il-mandat tal-iben sabiex jintuża ismu f'dan in-negozju, jibqa' validu sakemm l-iben ma rtirahx jew m'irrevokahx formalment, ħaġa li ma saritx.

Għaldaqstant, hija fehma tat-Tribunal li għamlet sewwa s-soċjeta` attriċi li intavolat il-proċeduri fil-konfront tal-iben u dan għaliex sia jekk l-iben kien sempliċiment prestanome għall-missier, u sia jekk il-missier kien aġent għal ibnu, ir-rapport ġuridiku tas-soċjeta` attriċi kien mal-iben Matthew Galea. Dan jintqal ukoll fid-dawl tal-fatt illi meta sar il-pagament tal-ewwel żewġ fatturi, dan sar permezz ta' ċekkijiet maħruġa mill-konvenut Matthew Galea. Dana juri li l-konvenut kien konsapevoli li kien għaddej xi negozju f'ismu mas-soċjeta` attriċi, għaliex iċ-ċekkijiet huma ffirmati minnu.

**Deċide**

Għar-raġunijiet suesposti, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba attriċi, u jiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut. Konsegwentement it-Tribunal qiegħed jordna lill-konvenut sabiex iħallas lis-soċjeta` attriċi is-somma ta' elfejn mija u sittax-il Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€2116.88) bl-imgħax legali

dekorribli mit-30 ta' Novembru 2012 li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi u numerata 2844/2014, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċċitata, jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------